**KUNSILL LOKALI NADUR**
**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur**

**DISA' (9) LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru Ħamsin (59)**

**It-Tnejn, 10 ta' April 2023**

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill fl-4:00pm

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |
| Megan Portelli | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

# KUNSILL LOKALI NADUR

**59.1**. **Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

Ma kien hemm had assenti.

**59.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti.**

Il-Minuti tat-tmienja u Ħamsin (58) il-laqgħa tal- 2023 u ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbagħtu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Filwaqt li dawn ġew approvati unanimament, l-iskeda tal-pagamenti numru 58 ġiet iffirmata. Din ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretarja, Proponent-Josef Camilleri u Sekondant- Jean Paul Portelli.

**59.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;**

Is-Sindku ta' l-aħħar żviluppi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u l-kontijiet tal-bank.

Iridu jidhlu l'quddiem Skema playing field tal-Ħali, skema Milied, skema tal-Latrina tar-Regjun t'Għawdex u Karnival.

Is-Segretarja reġgħet kellmet lil kunsilliera rigward il-**Membership tal-GAGF 500euro** peress li dawn għamlu kuntatt fuqhom mas-segretarja. Kien hemm qbil li jitħallsu biex jekk il quddiem ikun hemm xi fondi l-Kunsill ikun jista japplika inkella xorta l-Kunsill jkun irid iħallas l-membership lura, ġiet infurmata s-Segretarja.

**Fixed Assets-** Ser jintrema 3 telephones antiki, 2 hard drives, power bank charger u kittla li dawn ma jaħdmux. Kien hemm qbil fuq dawn kollha u ser jitnaqqsu mill-Fixed Assits.

Is-Sindku innota li kellha tinxtra hard drive oħra biex ma jintilfux ir-ritratti tal-Kunsill peress li oħrajn mhux tajbin. Kien hemm qbil fuq dan.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

# KUNSILL LOKALI NADUR

**Zafferena**- Is-Sindku għamel mozzjoni biex jingħata refund lura tas-safra kollha ta' Zafferena lil Kunsilliera Josef Camilleri, s-Sindku, Jean Paul Portelli u Staff ukoll- Saviour Xiberras, John Ivan Xuereb u Peter Ray Said. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Kien hemm qbil ukoll li jithallsu xi spejjez marbuta mal-ikel, transport, rigali lil Zafferana, u xi eskursjonijiet zghar.

Is-Segretarja ġibdet l-attenzjoni li hemm ***Direttiva numbru 3/2021 Per Diem Applikabbli għas-Sindki, għall-Kunsilliera u s-Segretarju Ezekuttivi*** fuq is-safar.

Il-Kunsillier Joseph Vella issekonda l-mozzjoni tas-Sindku u kien hemm qbil mill-Kunsilliera l-oħra biex jitħallas refund lura lil -Kunsilliera u staff.

**Proġett Toroq Rurali M4.3** Is-Segretarja infurmat li fil-laqgħa numru 56 ġie diskuss li l-perita Mariella Xuereb maħtura fuq il-board tal-Evalwazzjoni *tal-M4.3 (3rd call) European Agricultural Fund for Rural Development 2014-2020. Improving Access to farmers in nadur by resurfacing Rural Roads* ma tistax toqod minħabba li għandha konflitt ta' interess u allura ser jitpoġġa l-Perit Godwin Sultana- u dan kien hemm qbil mill-Kunsilliera kollha dakinhar. Bi zvista s-Segretarja ma' poġġietx fuq il-minuti u kien hemm qbil li jitpoġġa fuq dawn il-minuti.

Is-Sindku għamel remarka li hemm bzonn jitħallsu aktar l-ħaddiema tad-day centre. Wara diskussjoni dwar il-pagament u anke qbil, il-Kunsillier Joseph Vella għamel mozzjoni biex il-ħaddiema jieħdu 6 euro is-siegħa minflokk 5 euro filwaqt li l-Co-ordinator titħallas 200 euro minflokk 165 euro. Is-Sindku issekonda din il-mozzjoni u kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera l-oħra.

Is-Segretarja infurmat lil Kunsill li ġiet approvata l-applikazzjoni għat talba tal-Wirja Agrarja mill-Ministeru għal Għawdex bl-għajnuna ta' 10k. Is-Segretarja u S-sindku ser jiffirmaw il-Kuntratt.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata, u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil unanimu fuq l-iskedi ppreżentati u dawn ġew iffirmati.

59.4. Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Żviluppi mill-Kunsilliera.

LESTI:-

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

- Sement biex jitranga passaġġ fi Triq Grunju.
- Bankina biex tinbiddel fi Triq Dun Guzepp Vella.
- Ħajt imwaqq f'Wied Bingemma
- Rampa trangat fi Triq San Gakbu
- Sinjal tat traffiku fi Triq ta' Xurdin
- Mera fi Tiq il-Kappillan
- Bankina li kienet milquta fi Triq ta' Said kantuniera ma Triq il-Qala
- Inbiddlet żebbuġa fil-Pjazza
- Qed jitrangaw pots fil-Pjazza
- Tappiera ġdida fil-pjazza.
- Ħajt inbena fi Triq ta' Xurdin
- Tranġat bankina fi Triq Guze Ellul Mercer
- Semnet taht bankina fi Tiq Dun Guzepp Vella
- Għatba ma bankina fi Triq ir-Ramla
- Diversi Patching
- Ħaxix ħazin f'diversi inħawi

Pendenti:-

- Dawl ġdid fi Triq Grunju
- Jitranga ċaċċis tat-Torri ta' Sopu.
- Zewġ gates tal-ħadid għal tal-Ħali.
- Jitranga rampa/tarġ fi Triq San Blas
- Bankina fi triq Piju Cellini
- Zbir ta' sigra fi Triq Guze Ellul Mercer

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

- Manutenzjoni tal-lapida fi Triq Daħlet Qorrot.
- Titranga gradilja fi Triq Wied ir-Rihan.
- Induru kliem tal-monument tal-gwerra fejn l-iskola
- Jinxtara madum għal Pjazza
- Yellow lines f'kantuniera ma Triq ta' Mattiju.

MHUX LESTI MINN TERZI:

- Give Way fi Triq Ħanaq – Il-Kunsill applika ma' TM.
- Slow signs fi Triq ir-Ramla l' fuq minn l-Almar – Il-Kunsill applika ma' TM.
- Ħitan ta' Xhajma – Dan għadu ma sar xejn fuqhom.
- Jitranga sqaq tad- Duru – Qed nistennew minn il-Perit.
- Double yellow lines fi Triq Piju Cellini. Qed naraw ma' TM.
- Biex jitranga injam tal-bankijiet fi Triq il-Madonna ta' Fatima.

## 59.5. Korrispondenza;

| | |
|---|---|
| 6428 | Mistoqsija Parlamentari Nru. 5976 - Servizzi tal-Kunsilli Lokali fil-Qasam tal-Anzjani matul l-2022 |
| 6429 | E mail minghand Green MT rigward recycling points madwar Ghawdex u malta |
| 6430 | Ittra minghand l-iskrivan rigward ħsara fil-karozza (hit and run) waqt li kien barra fuq xogħol |
| 6431 | Cir AKL 2023/017_S.A.F.E Prevention training programmes for workplaces 12/04/2023 & 14/04/2023 |
| 6432 | Ċirkulari 8 tal-2023 - Ristrutturar u re-branding tad-Diviżjon għall-Gvern Lokali |
| 6433 | Graduation Day for Year 6 students |

## KUNSILL LOKALI NADUR

| | |
|---|---|
| 6434 | Ċirkulari 7 tal-2023 - Linji gwida maħruġa minn SEM |
| 6435 | Cir AKL 2023/026_European Cities Against Drugs ECAD_ Mayors' & Stakeholders Conference & Welcome Dinner |
| 6436 | Cir AKL 2023/024 Taħriġ - Keeping Minutes without losing hours! |
| 6437 | Cir AKL 2023/025_Joining the PES Group campaign SafePlace4Women |
| 6438 | Linji Gwida - Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsilli Lokali jew Reġjonali (FINAL) |
| 6439 | Cir AKL 2023/023_Times of Malta ESG Business Event _by PKF Malta |
| 6440 | Stedina Cena tas-Sinjur Museum Subien Nadur |
| 6441 | Building Europe with Local Councillors – stedina/invitation (24/4/23, Dar l-Ewropa, Valletta |
| 6442 | E mail mingħand green pak dwar twaqqif tal-bring in sites |
| 6443 | Miqsoqsija Parlamentari Nru 7545- Kunsilli Lokali - Quality Service Charter |
| 6444 | Skemi għall-Kunsilli Lokali 2023 - It-Tieni Parti |
| 6445 | ICT Summer Traineeship Scheme 2023 |
| 6446 | Skemi għall-Kunsilli Lokali 2023 - L-Ewwel Parti |
| 6447 | Żieda ta' informazzjoni maċ-Ċirkulari nru. 4 tal-2023 |
| 6448 | Ċirkulari nru. 5/2023 – Linji gwida dwar il-Proċessi ta' Ħlas u Rimbors għas-Servizz ta' Ġbir tal-Iskart |

*Rimarki oħra:-*

Graduation Day for Year 6 students- Kien hemm qbil li isir Repo u anke jinxtraw tokens.

Skema Librerija- Kien hemm qbil li jiġu applikati xkaffi għal librerija.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

Talba għal laqgħa Green Mt- Kien hemm qbil li isir laqgħa magħhom peress li ser ikunu huma jipprovdu l-i bins.

Ittra mingħand l-iskrivan minħabba talba biex titranga ħsara fuq il-karozza bl-ammont ta madwar 300euro li saret waqt li kien juza l-vettura barra fuq xogħol ħdejn l-iskola waqt attivita gewwa l-iskola. Kien hemm qbil mill-Kunsilliera.

Talba ta' reklam mingħand l-għaqda tan-Nar bl-ammont ta' 200 euro. Kien hemm qbil li jingħata dan l-ammont peress li ser ikun hemm sezzjoni fuq il-Kunsill izda meta il quddiem jintallab reklam u jkun ser jitpogga l-logo biss tal-Kunsill jingħata l-ammont biss ta' 100euro.

59.6. Skemi u Offerti Pubbliċi;

*M4.3 (3rd call) European Agricultural Fund for Rural Development 2014-2020. Improving Access to farmers in nadur by resurfacing Rural Roads*

Offerti

*NLC/09/2022-Resurfacing of Triq l-Irdum ta' Vnuta and of Triq Wied Rihan, Nadur Gozo with Concrete*- kien hemm 5 offerti fuq lot1 u anke lot 2. Dan il-ħin ħareġ mis-sala s-Sindku minħabba konflitt ta' interess. Il-Kunsill approva l-offerta ta' Road Structures Ltd bl-ammont ta' 47,586,20 euro vat mhux inkluz fuq lot 1 Triq Irdum ta' Vnuta u Peter Paul Said bl-ammont ta' 55,688,45 euro vat mhux inkluz fuq lot 2 Triq Wiedi r-Rihan u wara li kienu rakkomandati bhala l-orħos u konformi mill-board tal-Evalwazzjoni. (Il-Viċi Sindku għamel mozzjoni biex jiġu approvati dawn it-toroq u il-Kunsillier Joseph Vella issekonda u kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera l-oħra)

*Dan il-ħin reġa daħal is-Sindku ghal Laqgha.*

Ser jgħalqu daqt l-offerti tal-Bulky refuse, latrina Triq it-Tramuntana li ser jinħargu kwotazzjoni, Gnien il-Kunsill li ser tinħareg kwotazzjoni, Offerta ta' l-ilma u l-offerta tal-Perit. Ħarġu l-offerti tat-Tisqija ta' l-ilma u knis Imnarja. L-offerti l-oħra ser jinħargu ukoll l quddiem.

**KUNSILL LOKALI NADUR**

Skema LESA- Qed tinħadem l-offerta tal-latrina ta' San Blas.

Skema Reġjun – Parks u Ġonna u Spazji Pubbliċi- Inħarget l-offerta.

Skema Playing Fields 2022- Din l-offerta mgħaluqa issa kemm isir ix-xogħol.

Skema Finaanzjament Proġetti Kapitali u Komunitajiet Isbaħ u aktar b'saħħithom Cirkulari no. SPI/SCI/09/2022—Inħarget l-offerta.

Skema Funtani- Inħarget l-offerta.

**Skema għall-attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024–** Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika fuq din l-applikazzjoni għal Milied 2023. L-applikazzjoni ser tkun tixbaħ l-attivitajiet tal-Milied 2022 b'ideat differenti. Is-Sindku għamel remarka li ser ikun hemm Natalie Cassar, Mark Azzopardi, Ryan Mercieca, l-iskrivan u S-Segretarja jaħdu fuq applikazzjoni u l-attivita'.

Peress li din l-iskema qed tiġi finanzjata bl-ammont ta' 85%, il-Kunsil qabel li jitħallas 15% minn naħa tal-Kunsill.

**Skema Finanzjara – Komunitajiet Aktar Siguri u Organizati** – Kien hemm qbil li l-Kunsill japplika fuq CCTV's fi Gnien il-Kunsill u xi postijiet oħra. Is-Sindku u S-Segretarja għandhom laqgħa ukoll mal-Community Police fuq din l-iskema.

Peress li din l-iskema qed tiġi finanzjata bl-ammont ta' 85%, il-Kunsil qabel li jitħallas 15% minn naħa tal-Kunsill. Ryan Mercieca ser ikun qed jiehu hsieb l-applikazzjoni.

Fondi DPF- Belvedere Triq ir-Ramla l-Qadima- Inħarget l-offerta.

Kien hemm qbil li tingabar stima fuq l-istatwa ta' Triq San Gwann.

59.7. Kollaborazzjoni, Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Soċjali;

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

## KUNSILL LOKALI NADUR

Youth Exchange f'Strasbourg- Ser jattendu Shazney Attard u Kristie Grech.

Youth Exchange f'Istanbul- ser jattendu Rachel Sammut, Joanne Theuma u Arthur Portelli.

Youth Exchange f'Bulgeria- Ser jattendu Darren Cassar, Chris Mercieca u Frank Sciberras.

Charter Tisno- Ser jattendu l-Viċi Sindku flimkien mas-Segretarja

Charter Romania- Il-Vici Sindku, Keenth Portelli, Peter Ray Said, Jean Paul Portelli, Luca Portelli, Megan Portelli u Lucia Said.

Ħarga Anzjani- Din ser tkun Kerċem fis-27 ta' April.

Kunċert Stanley Portelli- Dan ser ikun ġewwa s-Sala tal-Kunsill fit-28 t'April.

Get together tal-Klabb football u għadiet bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill fit-30 ta' April u jitqassmu tokens mill-Kunsill.

Ħarga tfal ta year 5 – skola Primarja Nadur Malta fit-12 ta' Mejju

Imanrja- Ġiet diskussa l-Wirja Agrarja fuq entertainment u ġie diskuss ir-rigal li ser jingħata. Kien hemm qbil fuq dan.

L-Attivita' tat-Tfal- Ser jieħdu ħsieb Annete Portelli Said u Rebecca Bonello u t-tfal jipprezentaw. Kien hemm qbil.

Manifestazzjoni tat-Tfal-Ġie diskuss x'rigal ser jingħata u kien hemm qbil.

Ikla tradizzjonali- Ġie diskuss special guests u entertainment li kien hemm qbil fuqhom.

Wine Festival- Is-Sindku innota li qed jaħdeb għal zewg bands tajbin. Kien hemm qbil.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

59.8. Proġetti u Xogħolijiet Oħra.

**59.8.1. Triq ir-Ramla l-Qadima**- Ser titkompla l-Ħamis.

**59.8.2. Dawl ta' Triq it-Tramuntana soft area**- Il-Kunsill ser jigbor kwotazzjonijiet.

**59.8.3. Railings ta' Xhajma**- Il-Kunsill għadu bla risposta minn naħa ta' MGOZ. Dawn qedin fi stat perikoluz ħafna.

**59.8.4. Zebgħa bullards fi Triq Arc Saver Cassar u Pjanti**- Ser naraw isirux wara karnival.

**59.8.5. Dawl Monument tal-Gwerra**- Dan isir wara li tinfetaħ il-librerija.

**59.8.6. Gazebo fil-Belvedere DC Cocco Palmeri**- Il-Kunsill ser jigbor il-kwotazzjonijiet.

**59.8.7. CCTV** fil-ġonna tal-Ħali, Gnien il-Kunsill u ta' Kenuna. Dawn jiġu applikati l quddiem fuq fondi DPF.

59.9.Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.

56.9.1.Rikjesti mis-Sindku:

Talba biex titranga bankina fi Triq Girgor Buttigieg

Tisbieħ fir-roundabout fi Triq San Gakbu

Talba għal sement ħdejn is-sala parrokjali

Talba għal yellow lines ma' garage

Talba għal yellow lines ma' gnub ta' sqaq fi Triq San Blas

Talba għal mera fi Triq Xandriku

Talba għal bins fi Triq Diċembru 13th

Talba biex jinqata' ħaxix ħażin fi Triq San Blas.

Talba għal diversi patching

Talba għal bankina bis-sement fi Triq San Blas li qeda ta' periklu

Talba biex titranga bankina imkissra fi Triq ir-Rabat

Talba biex titranga bankina fi Triq it-Tramuntana

59.9.2 Rikjesti mingħand Eucharist Camilleri

Talba biex jinqata' ħaxix fl-area tal-mejda

Talba għal bankijiet fl-area ta' isfel tad-Duru

Il-Viċi Sindku għamel suġġeriment biex il-Kunsill jaħseb fuq għajnuna għal l-istatwa ta' San Pietru u San Pawl tal-Knisja. Kien hemm diskussjoni dan il-ħin mill-Kunsilliera. Il-Kunsillier Joseph Vella għamel remarka li meta kien ser jgħin il-MGOZ ma' kienx hemm qbil minn ħafna. Is-Sindku qal biex tiġi diskussa l quddiem f'laqgħa oħra u tgħaddi mozzjoni.

Talba għal knis fi Triq San Gwann mill-gvern centrali

Reminder fuq il-lines li saru ħażin fi Trejqet ta' Majza

Il-Viċi Sindku għamel ukoll remarka li waqt l-irxoxt kien hemm tinda li ma kienetx qed tiġi uzata armata fil-Pjazza. Is-Sindku qal li darba oħra l-Kunsill jibgħat ittra lil ħwienet tal-Pjazza peress li l-pjanta tal-Planning Authority tal-Pjazza hija tal-Kunsill u l-Kunsill jiddiċidi fl-liema attivitajiet jitneħħa kollox.

Rikjesti mingħand Joseph Vella:

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

Ma kellux talbiet

**59.9.3. Rikjesti mingħand Jean Paul Portelli:**

Talba re paint fi Triq Emigranti

Talba re paint parking fi Triq ta' Said

Talba biex jitranġa ħajt u rampa fi Triq Bingemma

**59.9.4. Rikjesti mingħand Josef Camilleri:**

Talba għal palk tal-muzew tal-bniet. Kien hemm qbil li jsir bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill u isir plakka tal-Kunsill fuq il-palk.

**59.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fis-7:30pm. Il-Laqgħa li jmiss ser tkun fit-8 ta' Mejju fl-4pm.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva